# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 1 2 3

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2749/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Charles Cutajar**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Ltd**

**dwar allegazjoni ta' tkeccija ingusta u allegazzjoni ta' ghoti ta' fastidju fil-konfront tieghu.**

Illum 14 ta' Frar 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'dikjarazzjoni maghmula minn Charles Cutajar pprezentata fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' Jannar 2010 tramite l-avukat Dottor Deborah Schembri. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

**Dikjarazzjonijiet**

Ir-Rikorrent ressaq l-ilment tieghu fis-sens li huwa gie impjegat mas-socjeta` intimata fl-1 ta' Marzu 2007 ghal zmien indefinit, liema impieg gie terminat fil-15 ta' Settembru 2009 a bazi ta' *warnings* li kienu nghatawlu fi zminijiet precedenti. Jghid li l-*warnings* kienu fuq affarijiet trivjali, u intizi li jwaqqghuh ghar-redikolu, u ghalhekk kien qed jigi ffastidjat fuq il-post tax-xoghol, tant li kien qed jikkawzalu stress u problemi ta' sahha. Jghid li r-ragunijiet tat-

tkeccija ma kienux gustifikati u ghalhekk huwa sofra danni htija tal-kumpanija intimata. Huwa talab li jigi dikjarat li l-kumpanija intimata kienet hatja ta' ghoti ta' fastidju (*harassment*) fil-konfront tieghu; li jigi dikjarat li tkeccija tieghu mill-impieg kienet wahda ingusta; talab li jithallas is-salarju ta' minn meta tkecca sa ma sab impieg alternattiv bl-imghaxijiet u kumpens finanzjarju xieraq; u talab li l-formola tat-tibdil tal-impieg isirilha t-tibdil necessarju sabiex tirrifletti r-raguni vera tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Sussegwentement ir-rikorrent rega' pprezenta din id-Dikjarazzjoni tal-kaz flimkien ma' numru ta' dokumenti.

Is-socjeta` intimata pprezentat id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fl-4 ta' Marzu 2010 permezz ta' l-avukat Dottor Lorraine Conti, fejn inghad li r-rikorrent kien impjegat bhala '*clerk*' sal-15 ta' Settembru 2009 meta tali impieg gie terminat ghal ragunijiet validi, in kwantu kien negligenti u traskurat f'xogholu, tant li gie mwissi hafna drabi fuq perjodu relattivament qasir. Gie michud li r-Rikorrent gie redikolat jew iffastidjat, tant li kemm dam fl-impieg huwa qatt ma rrapporta ma' hadd dan l-allegat fastidju. Gew esebiti wkoll numru ta' dokumenti fostom tmin komunikazzjonijiet ta' twissija.

**<u>Il-Provi migjuba</u>**

Ir-Rikorrent xehed li qabel dahal jahdem mal-SMS huwa kien jahdem bhala "*store-keeper*" mal-Master Cellars u kellu rakkomandazzjonijiet tajbin. Imbaghad telaq minn hemm fl-2002 biex imur jahdem mal-SMS fis-sezzjoni tal-*Air Freight* bhala "*runner*" u jiehu hsieb id-dokumenti tad-dwana. Hemmhekk qatt ma kellu problemi, anzi f'sena partikolari kien gie ppremjat bhala l-haddiem tas-sena. Imbaghad fl-2007 gie trasferit ghas-sezzjoni tax-"*shipping*" bhala "*clerk*" fejn fuqu kellu lis-sur Adrian Mifsud, li kien ikun irid li kollox isir bl-approvazzjoni tieghu. Ir-rikorrent jghid li minhabba dyslexia, huwa kellu *short-memory* u allura kien regolarment izomm notamenti ta' kull

ma kellu bzonn jaghmel. Jispjega incidenti partikolari fejn dan Adrian Mifsud kien jghaddi kummenti li bihom huwa kien ihossu redikolat. Jghid li darba l-manager Aldo Darmanin kellu bzonn bicca xoghol urgenti u hu offra li jmur jaghmilhielu, izda hu u sejjer kellu incident bir-rota u korra gravi tant li dam jumejn l-isptar. Meta dahal lura ghax-xoghol ir-rikorrent kien ghadu mugugh hafna; dahal klient li qallu "Bongu", u dan sellimlu b'moviment tar-ras biss: f'dak il-hin is-sur Mifsud qabad jghajjat mieghu u jghidlu li jmissu jisthi ma jirrispondix lill-klient b'"Bongu". Dwar il-memos li saru kontrih, ir-rikorrent jibda billi jghid li darba huwa ma kienx bidel it-*telephone switch-board* ghax kien qed ilahhaq ma' xoghol iehor urgenti tal-kumpanija, biss din ma holqitx problemi ghax din il-haga setghet facilment issir minn haddiehor. Ilment iehor kien meta ma wassalx *crew-member* l-airport bil-konsegwenza li dan tilef l-ajruplan; jghid li f'dawk il-jiem kellu hafna xoghol u ma rnexxilux jibqa' mqajjem biex iwassal lill-persuna miftehma fit-3.00 ta' fil-ghodu. Jghid li dan kellu jkun xoghol id-*driver/runner* Pawlu, izda meta dan ma kienx ikun jista' jaghmel xi bicca xoghol ir-rikorrent kien jaghmilhielu hu; gara li fil-jum in kwistjoni Pawlu cempillu bil-lejl u qallu biex imurlu hu ghax ha zewg *punctures*. Xoghol ir-rikorrent kien 'clerk', imma kien regolarment jaccetta li jaghmel dan; gara` li dakinhar qaghad jistenna l-hin isir fuq is-sufan u ghajnu marret bih. Ghamel referenza ghad-dokumenti tal-ETC li juru li originarjament ir-rikorrent kien impjegat bhala '*clerk*' imma imbaghad bdew isejhulu "*telephone operator/ driver & runner*". It-Tribunal jinnota li anke t-*termination Form* (Dokument 7) tindika x-xoghol ir-rikorrent bhala "*clerk*". Jghid li imbaghad gab il-licenzja ta' *taxi-driver* u ma' l-ETC gie registrat kif inghad, u jghid li pprotesta dwar dan fl-ufficju tal-ETC l-Belt, imma waqaf kollox hemm. Xehed fuq il-memo dwar email partikolari fejn hu naqas li jindika dwar isem il-vapurli kien qed jitkellem fuqu, u jghid li dan m'ghamlux ghax verbalment kien diga' informa lis-sur Savona (lil min intbaghtet l-email) dwar liema vapur kien qed jitkellem. Memo iehor kien li fuq l-envelopes huwa kellu jittimbra l-logo tal-SMS fuq wara, jghid li facli jaqbez xi envelopes mill-mijiet li kien jittimbra. Ilment iehor kien li halla korrispondenza mhux impustata: jghid li propjament dan kien xoghol il-messaggier, imma gieli mar

jimpustahom hu, u dakinhar kellu jitlaq mghaggel ghal ibnu li kien ma jiflahx. Dwar l-ilment li ittra giet impustata bla bolla jghid li l-warning qalghuh l-ohrajn ukoll ghax mhux maghruf minn nesa jwahhal il-bolla. Dwar l-incident li kellu jcepmel ghal biex jingieb il-van jghid li cempel u sabhom engaged, izda nesa jerga' jcempel ghax kellu hafna xoghol. L-ahhar ilment miktub kien dak ta' meta tkecca, u jghid li fil-fatt huwa kien dam biex wizen kaxxa partikolari minhabba li kellu xoghol iehor, u jghid li l-SMS Cargo dejjem jergghu jiccekkjaw it-toqol tal-oggetti. Ir-rikorrent kien ihoss li dawn il-warnings kienu banali u ntizi li jumiljawh u jiffastidjawh. Jghid li Adrian Mifsud kien idejjaq lill-ohrajn ukoll. Kien ghadu fl-impieg meta beda jfittex impieg alternattiv izda ma rnexxilux isib. Imbaghad, xi xahar u nofs wara li tkecca, wiehed jafu impjegah mieghu. In kontro-ezami r-rikorrent semma incident meta s-sur Mifsud ordnalu jmur il-Qorti biex jiehu gurament u ma qallux fuq xiex, u meta dan qallu li ma kellux il-karta tal-identita` fuqu, s-sur Mifsud beda jghidlu li jmissu jisthi. Jghid li hu kien ihossu ffastidjat, u jaf li kien hemm ohrajn li s-sur Mifsud kien jiffastidjahom, imma ma jafx ir-raguni ghal dan. Jghid li meta kien jircievi l-memos ma kien jiehu ebda azzjoni fuqhom, u l-anqas meta kien ihossu ffastidjat qatt ma lmenta ma' hadd. Ghar-rikorrent il-memos mhumiex *warnings*. Jghid li qabel tkecca kien qed ifittex xoghol alternattiv izda ma sabx jghodd ghalih; meta tkecca qabad jaghmel xoghol iehor wara zmien qasir sempliciment ghax ried ikollu dhul u mhux ghax kien tajjeb ghalih; wara taghallem xoghol gdid u ghadu jaghmlu. Jghid li t-tensjoni li kienet qed taqbdu mal-SMS waslitu biex it-tabib ordnalu jiehu l-kalmanti.

Mart ir-rikorrent xhedet li minn meta zewgha qaleb ghal max-*shipping*, huwa kien qed ikun depress fuq ix-xoghol: dejjem inkwetat, jorqod ftit, u dejjem imbezza' li ser jitlef xogholu. Tghid li meta korra bir-rota, tax-xoghol kienu jcemplulha spiss biex jaraw meta ser jirritorna, u kienet hi li tathom in-numru tas-sodda tal-isptar ta' zewgha. In kontroezami tikkonferma dan kollu u tghid li tax-xoghol tant kienu jcemplu spiss li kienu dejquha, biss xorta tathom in-numru tat-telefon tas-sodda ta' zewgha, u ghalhekk dawn spiccaw icemplu lilu direttament waqt li kien l-isptar!

Xhedet b'affidavit Hilda Magro li kienet tahdem mal-SMS fis-sezzjoni tal-Freight u Shipping, fl-ufficju ta' hdejn ir-rikorrent. Tiddeskrivi lir-Rikorrent bhala bniedem habrieki li jghin lil kull min jitolbu, anke meta dan ma kienx ikun xogholu: tghid li "kien imur out of his way biex jaqdina" u "qatt ma kien jghid 'le' biex jiskansa li jaghmel oggett." Tixhed li l-kollegi kollha kienu jafu li s-sur Cutajar kien dyslexic, izda kien responsabbli f'xogholu u kien jaghti *hand-over* meta kien ikollu xoghol fuq barra. Tghid li minkejja dan, is-Sur Adrian (Mifsud) kien spiss jiffoka fuq x'qed jaghmel ir-rikorrent, bhal biex jaqbad mieghu. Tghid li "ma nistax nifhem ghaliex lilu s-Sur Adrian kien ikellmu qisu qed ikellem tifel zghir, kien arroganti mieghu, meta jkellem lilu jibdel it-ton . . . kien kontinwament jiksru u jirredikolah." Tghid li kieku certi zbalji li ghamel Charles Cutajar ghamlithom hi, il-haga kienet tghaddi malajr, imma ghax ikun ghamel l-izball is-sur Cutajar, is-Sur Adrian kien jaghmel storja kbira. Tghid li jekk persuna ma toghgobx lis-Sur Adrian, dan jaqbad maghha biex idejjaqha halli titlaq, u "ma kellux rispett lejn l-impjegat." Tghid li maz-zmien anke lilha beda jdejjaq dan Adrian Mifsud, u fittxet xoghol iehor ghax ma felhitux aktar; telqet wara 10 snin fl-impieg.

Mario Henry Grech xhed b'affidavit ukoll, u qal li kien jahdem mar-Rikorrent meta mar fix-*Shipping*. Jghid li s-sur Cutajar kien dejjem jaghmel xogholu, kien jaghmlu tajjeb u kien kapaci anke iktar minnu f'certi affarijiet, bhall-computer. Jghid li s-sur Adrian Mifsud donnu kien imqabbad mar-Rikorrent ghaliex malli dan jaghmel l-icken zball, is-sur Mifsud iqajjem "plejtu". Jghid li l-haddiema kollha kellhom pressa ta' xoghol, u s-sur Cutajar b'mod specjali ghaliex kien jipprova jlahhaq ma hafna affarijiet f'daqqa, u ghalhekk kien iktar facli li jaghmel xi zball. Jghid li r-rikorrent kien originarjament jghinu f'xogholu, imbaghad beda jizdied ix-xoghol tas-sur Cutajar: xoghol ta' receptionist, xoghol ta' telephone operator, jaghmel il-kontijiet, xoghol ta' messaggier u jmur f'hafna postijiet barra mill-officju, u sahansitra xoghol ta' driver. Dwar is-sur Mifsud ghid "jiddispjacini illi mid-dehra qatt ma kien japprezza x-xoghol li kien jaghmel Charles. Kien qisu lest li joqghod ifittixlu x-xaghra fl-ghagina biex mal-ewwel cans li jkollu jkeccieh." In kontro-ezami

dan ix-xhud jikkonferma kollox, u jzid li kien ilu 30 sena fl-SMS; 20 sena fit-turizmu u 10 fix-shipping: jghid li fl-ahhar sentejn donnu nnota li l-pressjoni fuq il-haddiema zdiedet u l-atmosfera ma kinitx sabiha, tant li haddiehor kien igerger u jibqa' hemm mentri hu ma gerger xejn u qabad u telaq.

Xehed b'affidavit Paul Magro li kien driver mal-kumpanija intimata. Jghid li kien ilu 40 sena fl-impieg u gieli kellu "clashes" mas-Sur Mifsud bhal meta jieqaf ghal *break*. Jghid li hu kien jiflah jissaporti l-karattru tas-sur Mifsud, imma mhux kulhadd kien jifilhu. Jghid li s-sur Cutajar kien habrieki u dejjem fuq xogholu, u gieli kien jaghmillu xogholu meta hu ma kienx ikun jista'; jiftakar xi okkazjonijet fejn is-sur Mifsud kien igerger lis-sur Cutajar ghax idum biex jirrispondi t-telefon.
Il-Logistics Manager Renaldo Darmanin jispjega kif Charles Cutajar kien gie trasferit ghax-Shipping biex jaghmel xoghol ta' receptionist u biex jghin lil Mario Grech jimla l-karti tad-Dwana. Jghid li s-sur Cutajar kien jaghmel xogholu tajjeb u kull ma tqabbdu jaghmilulek. Fil-fatt f'incident ir-Rikorrent wegga' bir-rota waqt il-hin tax-xoghol, dakinhar dan ix-xhud kellu bzonn lir-runner li kien b'xoghol iehor fuq barra, u minhabba l-urgenza ta' din il-bicca xoghol is-sur Cutajar offra li jmur jaqdih hu bhala xi haga *over-and-above* ix-xoghol tieghu. Jghid li personalment qatt ma kien prezenti ghal xi incidenti bejn ir-Rikorrent u s-sur Mifsud.
Il-general manager Paul Savona jghid li r-rikorrent kien jara li x-xoghol jaghmlu mill-ahjar li jista', u kien jaghmlu sewwa. Jghid li kien jaf li kien dyslexic u jghid li "is-Sur Adrian Mifsud jixtieq li, bhalu, kulhadd jaghmel l-affarijiet ezatti. Charles, sfortunatament, kien il-link bejn l-ufficju u l-klienti u kien isus aktar fuqu minn ohrajn." Jghid li huwa jahdem fl-ufficju tas-sur Mifsud, li fi kliemu huwa iebes mal-impjegati, imma ma jiddejjaqx jahdem mieghu. Jiftakar li kien hemm zewg okkazjonjijiet fejn is-sur Cutajar nesa jaghmel xi affarijiet li kellu jaghmel, imma ma ftakarx dawn x'kienu.

Ghas-socjeta` intimata xhed b'affidavit Paul Agius li qal li kien ilu mill-1980 fid-Dipartiment tal-Husbandry tal-SMS taht is-sur Adrian Mifsud li kien ikun

irid jikkontrolla kull ma jkun qed isir. Jghid li kull meta r-rikorrent kien jonqos f'xogholu, kien jaqla' *warning* bhal kull impjegat iehor: kien jitratta lil kulhadd l-istess u kien jipprova jghallem lill-impjegati jaghmlu xogholhom ahjar. Jghid li s-sur Cutajar qatt ma lmenta mieghu dwar l-attitudni tas-Sur Mifsud, u anqas qatt kellmu b'mod personali jew dwar xi kundizzjoni li jista' ghandu. Jghid li ftit kellu kuntatt mar-Rikorrent, biss l-unika okkazjoni li jaf li r-rikorrent m'ghamilx xoghlu sew kien meta kellu jmur iwassal persuna l-ajruport fit-3.00 ta' fil-ghodu u ma wassalhiex ghax baqa' rieqed. Jghid li kien ukoll sejjah l-ghajnuna meta ra lir-rikorrent bid-dmija fl-incident tar-rota, izda imbaghad qatt ma cemplillu biex jistaqsih kif inhu.

Anthony Mamo xhed b'affidavit li l-parti l-kbira tat-33 sena li kien ilu jahdem mal-SMS kien taht is-sur Mifsud, li kien ikun irid jikkontrolla kull ma jsir u jikkoregi kull zball li jsir. Jghid li t-ton tas-sur Mifsud jista' jigi interpretat li jkun wiehed ta' kritika. Jghid li Charles Cutajar dejjem ghamel ix-xoghol li jkun tah hu bl-ahjar mod li seta' u kien jaf li kien dyslexic.

Xhed Adrian Mifsud li spjega li huwa kien direttur tal-SMS u f'xi l-2003 baqa' hemm bhala konsulent u baqa' jiehu hsieb l-operazzjonijiet kollha konnessi max-*Shipping*, prattikament baqa' jaghmel l-istess xoghol. Jghid li l-impjegati kienu jigu trattati tajjeb tant li uhud baqghu snin twal jahdmu tahtu u anke hargu bil-penzjoni minn hemm, imma jekk xi hadd ikun qed jaghmel hafna zbalji kien ikun irid jikkoregih, u jekk jibqa' jizbalja jkollu jinhariglu Memo. Jghid li gieli inhargu *warnings* lil impjegati ohrajn, u esebixxa *warnings* lil Edward Houlton u Anthony Mamo. Jghid li Charles Cutajar ingieb mill-SMS Insurance ta' Ta' Xbiex u beda jinghata hafna xoghol divers. Meta jaghmel l-izbalji kienu jinhargulu *warnings* li ma kienux qed jigu kkontestati mir-rikorrent, u li ma hax passi malli kien hemm tliet *warnings*. Jghid li huwa ma kienx jaf li r-rikorrent kien dyslexic, imma l-*warnings* ma kellhomx x'jaqsmu mal-fatt li kien dyslexic. Jispjega li l-*warnings* kienu jintbaghtu b'email u allura ma jigux iffirmati; li ittri ma kienx ikun hemm mijiet x'jimpustaw u li huwa kien ta ordni biex l-ittri jigu mpustati hdejn Kastilja ghaliex darba xi hadd

kien haraq il-*letter-box* ta' hdejn l-officju taghhom. Dan ix-xhud jichad li r-Rikorrent kien jigi mgieghel isuq karozza Y-plate qabel gab il-licenzja apposita, u jikkonferma li meta r-rikorrent kien l-isptar huwa kien jistaqsi lill-impjegati dwar is-sur Cutajar, imma qatt ma gieghelhom icemplulu.

Bernard Sultana xhed b'affidavit li s-sur Cutajar kien gie impjegat bhala clerk/ telephone operator/ driver/ runner depending on office exigencies." Jghid ukoll li "At a later stage, in order to enable him to apply for a Y plate licence, and also to better reflect his duties, his job description was changed to read Telephone Operator/ Driver/ Runner." Jghid li s-Sur Mifsud kien jikkritika lil kull min jaghmel l-izbalji, imma xorta kien hemm hafna haddiema li damu snin twal fl-impieg tahtu, bhalu stess li kien ilu hemm mill-1968. Jghid li huwa kien icempel lis-sur Cutajar fiz-zmien li kien bis-sick-leave kemm biex jistaqsih kif inhu kif ukoll biex ifakkru jaghmel ic-certifikati tas-sick-leave, imbaghad kien ikun is-sur Cutajar stess li minn jedu jibda jitkellem dwar meta ser jirritorna lura ghax-xoghol.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal iqis lir-Rikorrent bhala bniedem twajjeb li ghal kull ma titolbu jaghmel minn kollox biex itihulek, anke jekk m'ghandux. Bhal ma qalet Hilda Magro "he goes out of his way" biex jaqdi lill-ohrajn. Jidher li s-sezzjoni tal-SMS Cargo kienu apprezzaw din il-kwalita` tar-Rikorrent u anke ppremjawh haddiem tas-sena. Ghal xi raguni mhix cara r-rikorrent gie trasferit lejn id-dipartiment tax-Shipping, u hawn beda l-inkwiet. Din it-taqsima hija mmexxija mis-sur Adrian Mifsud li jidher li hu bniedem iddixxiplinat, rigoruz u perfezzjonist. Certi xhieda qalu li kien jimxi bil-grazzja, mentri ohrajn qalu li ghandu tendenza jaqbad ma' min jaghmel hafna zbalji. B'kollox ma' kollox, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li s-sur Mifsud verament kien qed ikollu reazzjonijiet esagerati ghal zbalji zghar tar-rikorrent, u dan dahhal lill-istess

rikorrent f'tensjoni. Madankollu t-Tribunal ma jidhirlux li s-sur Mifsud kien qed jaghmel dan b'xi diskriminazzjoni elenkata fil-Ligi Sussidjarja 452.95 (li harget mill-Avviz Legali 461/2004), imma ghaliex ir-repetizzjoni ta' hafna zbalji zghar kienu qed jirritawh. Ghalkemm ma tantx hu verosimili li s-sur Mifsud ma kienx jaf li r-rikorrenti kien dyslexic, xorta ma jirrizultax li l-attitudni tas-sur Mifsud lejn is-sur Cutajar kellha x'taqsam mal-fatt li r-rikorrent kien dyslexic. Fuq kollox jirrizulta li dak li kien qed jiffastidja lir-rikorrent kien il-korrezzjonjiet tas- Sur Mifsud, li kienu gustifikati. Il-problema kienet li dawn kienu qed jiehdu xejra esagerata. Ghaldaqstant dan it-Tribunal mhux qed isib lis-socjeta` intimata hatja li tramite l-impjegati taghha tat fastidju lir-rikorrent kif sanzjonata mill-ligi tal-impiegi.

Ghal dik li tirrigwarda t-tkeccija, dan it-Tribunal jinnota li kien hemm numru konsiderevoli ta' memos li huma cari li qed iservu ta' *warnings*, u diversi minnhom bi twissija li huma ta' l-ahhar. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dak li qal xhud tar-rikorrent li s-sur Mifsud kien ifittex okkazjonjijiet biex ikecci impjegat li ma jkunx ha grazzja mieghu, imma huwa veru li hafna mill-*warnings* kienu fuq affarijiet li kieku kommessi minn haddiema ohra jew f'dipartiment iehor ma kienux iwasslu ghal *warning*. It-Tribunal jaqbel li wahda mill-warnings kienet kemmxejn gustifikata, senjatament l-okkazjoni meta l-posta ma gietx impustata u thalliet ghal 3 ijiem wara. L-ohrajn kienu ghal zbalji trivjali jew, bhal fil-kaz li crew-member thalla l-art, kien hemm xi forma ta' gustifikazzjoni. Bazikament dan it-Tribunal ihoss li f'kull okkazjoni ta' *warning*, in-nuqqas tar-Rikorrent ma kienx minhabba intenzjoni hazina jew negligenza grossa, imma minhabba nuqqas ta' koncentrazzjoni fuq ix-xoghol. It-Tribunal ma jistax ma jinnotax li r-rikorrent kien, kif jghid il-Malti, jintuza biex isodd it-toqob kollha; u allura jaghmilha ta' clerk biex jghin lil clerk iehor, jaghmilha ta' runner biex jirrimpjazza lir-runner meta hemm bzonn, jaghmilha ta' driver biex jirrimpjazza d-driver meta jinqala' l-bzonn, u jaghmel dok kollu li kwalunkwe haddiem jinqalghalu. Din id-dispozizzjoni tar-rikorrent kellha tigi apprezzata, u n-nuqqasijiet tieghu meta ma kienx ilahhaq ma certi ordnijiet ghandhom jigu valutati f'dan il-kuntest. Hekk jinghad li *warning* hareg ghax

nesa’ jaghmel telefonata, *warning* iehor hareg ghax nesa jwahhal xi bolol, u l-ahhar *warning* u tkeccija wasal ghaliex ma marx mill-ewwel jizen kaxxa lil Paul Savona, ghax kien qed jghin lid-driver. Ghaldaqstant dan it-Tribunal ihoss li meta wiehed jikkonsidra d-dedikazzjoni tar-rikorrent ghax-xoghol, u dak li qalu hafna xhieda li huwa kien dejjem jaghti l-ahjar li seta’, it-tkeccija tas-sur Charles Cutajar ma kinitx gustifikata ghal kollox. Jekk is-sur Adrian Mifsud ried il-perfezzjoni, huwa ma setax jippretendi li jkollu tali perfezzjoni minn haddiem li kien qed ilahhaq ma’ erbgha mestieri f’daqqa – receptionist, messaggier, clerk u driver. Finalment jinghad li fil-konkluzjoni tieghu qieghed iqis li l-ilmenti li kellha s-socjeta` intimata ma gewx ikkontestati mir-rikorrent u allura kien hemm xi forma ta’ nuqqas da parti tieghu, imma dan in-nuqqas ma setax jitqies bi hruxija meta tqis li r-rikorrent kien qed jaghti dak kollu li seta’ jaghti. It-Tribunal innota wkoll li wara xahar u nofs mit-tkeccija ir-rikorrent sab impieg iehor u llum il-gurnata ghandu impieg fiss u jidher li hu kuntent.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jiddikjara li ir-rikorrent ma sofriex fastidju kif indikat fil-ligi tal-impiegi, u fit-tieni lok jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent ma kinitx gustifikata, imma fid-dawl ta’ dak kollu li inghad hawn fuq il-kumpens dovut lir-rikorrent ghandu jkun wiehed limitat, u dan it-Tribunal qieghed jillikwidah fl-amjmont ta’ elf Euro (€1,000), liema kumpens ghandu jithallas mill-intimata lir-Rikorrent fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman